MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 755/2002

**Borg Transportation Limited**

**vs**

**Grezzju Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, hames mija u sebgha u erbghin Lira Maltin u dsatax-il centezmu (LM3,547.19,0), rapprezentanti prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat lilu fuq inkarigu tieghu stess, kif jixhed l-anness *statement of account* (Dok A);**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-14 ta' Awissu tas-sena 2002, u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Settembru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------